# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 207/2016/LSO**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Silvio Brincat (K.I.numru 474260(M))**
2. **Ruth Brincat (K.I.numru 551761(M)),u**
3. **Paul Chetcuti (K.I.numru 318870 (M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 15 Marzu 2016 fejn Johanna Bartolo, K.I. numru 125969 (M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament :

Illi, in forza ta' bejgh in Subbasta mizmum taht l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2006 gie liberat a favur tas-socjeta' attrici, il-garaxx internament immarkat bin-numru erbatax (14) u l-garaxx internament immarkat bin-numru wiehed u ghoxrin (21) li jinsabu fil-*basement level,* formanti parti minn blokk ta' *garages* bla numru u bla isem, sottostanti proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* u liema blokk hu mibni fuq sit li qabel kienet okkupata minn fond li kien maghruf bhala *'Royal Theatre'* art kontigwa u garaxx li kien immarkat bin-numru tnax (12) fi Strickland Street*,* Zabbar, liema *garages* huma accessibli minn *drive-in* privata bla numru u bla isem, li taghti ghal Triq Strickland u liema *garages* huma kull wiehed kkonfinanti mill-Punent mal-imsemmija *drive-in* u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* jew aventi kawza tieghu, soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-pozizzjoni taghhom favur il-proprjeta' sovrastanti, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, ezkluza l-arja, kif ahjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u markata Dok. "A";

Illi, ghalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dawn il-fondi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tieghu tal-fondi indikati fid-dokument "A" anness.

Illi, l-konvenuti gew interpellati sabiex jizgombraw mill-imsemmi fondi u dan permezz ta' ittra datata 3 ta' Lulju 2015 li kopja taghha qed tigi esebita u markata Dok. "B", izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa’ t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-garaxx internament immarkat bin-numru erbatax (14) u l-garaxx internament immarkat bin-numru wiehed u ghoxrin (21) li jinsabu fil-*basement level,* formanti parti minn blokk ta' *garages* bla numru u bla isem, sottostanti proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* u liema blokk hu mibni fuq sit li qabel kienet okkupata minn fond li kien maghruf bhala *'Royal Theatre'* art kontigwa u garaxx li kien immarkat bin-numru tnax (12) fi Strickland Street, Zabbar, liema *garages* huma accessibli minn *drive-in* privata bla numru u bla isem, li taghti ghal Triq Strickland u liema *garages* huma kull wiehed kkonfinanti mill-Punent mal-imsemmija *drive-in u* mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* jew aventi kawza tieghu, soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni taghhom favur il-proprjeta' sovrastanti, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, ezkluza l-arja, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna illi, in konsegwenza l-istess konvenuti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgombraw il-garaxx internament immarkat bin-numru erbatax (14) u l-garaxx internament immarkat bin-numru wiehed u ghoxrin (21) li jinsabu *fil-basement level,* formanti parti minn blokk ta' *garages* bla numru u bla isem, sottostanti proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* u liema blokk hu mibni fuq sit li qabel kienet okkupata minn fond li kien maghruf bhala *'Royal Theatre'* art kontigwa u garaxx li kien immarkat bin-numru tnax (12) fi Strickland Street*,* Zabbar, liema *garages* huma accessibli minn *drive in* privata bla numru u bla isem, li taghti ghal Triq Strickland u liema *garages* huma kull wiehed kkonfmanti mill-Punent mal-imsemmija *drive-in* u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' *E & C Developments Limited* jew aventi kawza tieghu, soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni taghhom favur il-proprjeta' sovrastanti, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, ezkluza l-arja, u jhallu l-istess immobbli liberi u battali favur is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 2016.
Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (fol 36) fejn meta issejhet il-kawza dehret Dr Lara Cassar ghall-Bank attur u Dr Martin Fenech ghal Ruth Brincat prezenti fl-Awla. Dr Cassar irrilevat li r-risposta giet ipprezentata *fuori termine* u l-Qorti ghalhekk ordnat l-isfilz tal-istess risposta.

Il-kawza giet differita sabiex jigu kompletati l-proceduri ta’ affissjoni u pubblikazzjoni tal-intimati Silvio Brincat u Paul Brincat ghad-9 ta’ Gunju 2016. Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 2016 minn fejn jirrizulta li l-intimati Silvio Brincat u Paul Brincat huma lkoll kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Dominic Cassar u Dr Lara Cassar ghall-Bank attur, u Dr Martin Fenech ghall-konvenuti, il-konvenuta prezenti. Dr Cassar prezenta nota b'dokument *seduta stante*, u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Dr Fenech ghar-rigward ta' Ruth Brincat ddikjara li fl-ewwel lok m'ghandha l-ebda cwievet tal-garaxx in kwistjoni, qatt ma kellha l-pussess taghhom u sahansitra lanqas taf fejn qeghdin. Dr Cassar iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Novembru 2016 fid-9:30a.m., b'dan illi l-konvenuti ghandhom wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn dan id-digriet biex jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet, u l-attur jkollu sebat ijiem ghan-nota risponsiva tieghu.

Rat li hadd mill-intimati ma pprezenta nota ta' sottomissjonijiet fil-perjodu stabbilit.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ghall-izgumbrament ta' debitur mill-Bank kreditur in segwitu aggudikazzjoni wara proceduri ghall-bejgh in subbasta li gew intavolati kontra l-istess debituri, li huma l-intimati fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat li l-intimati huma kollha kontumaci, *stante* li r-risposta ta' Ruth Brincat giet ipprezentata *fuori termine*, u ghalhekk giet sfilzata permezz ta' digriet datat 3 ta' Mejju 2016 (fol 36). Illi l-intimati nghataw l-opportunita minn din il-Qorti li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, izda din baqghet ma gietx ipprezentata.

Marie Chetcuti, in rapprezentanza tal-Bank rikorrent, ikkonfermat li l-fatti li jirrizultaw mir-rikors guramentat ghadhom l-istess u li l-pussess tal-garaxxijiet bin-numru erbatax (14) kif ukoll il-garaxx numru wiehed u ghoxrin (21) kif deskritti fir-rikors promotur bid-drittijiet u pertinenzi taghhom ghadu ma giex rilaxxjat favor il-Bank of Valletta p.l.c. Hi kkonfermat ukoll li c-cwievet tal-garaxxijiet in kwistjoni ma mhumiex fil-pussess tal-Bank.

Ikkunsidrat li dawn l-istess fondi gew definittivament liberati favur il-Bank rikorrent fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 2006, (Subbasta Immobbli Numru 56/05) fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs Silvio Brincat et"**.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tal-bank rikorrent huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi: -

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-garaxxijiet internament immarkati bin-numru erbatax (14) u wiehed u ghoxrin (21) li jinsabu fil-*basement level*, formanti parti minn blokk ta' *garages* bla numru u bla isem, sottostanti proprjeta` ta' E&C Developments Limited u liema blokk hu mibni fuq sit li qabel kienet okkupata minn fond li kien maghruf bhala 'Royal Theatre' art kontigwa u garaxx li kien immarkat bin-numru tnax (12) fi Strickland Street Zabbar, kif deskritti fir-rikors promotur bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, eskluza l-arja, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien xahar mil-lum, liema perjodu qed jigi ffissat perentorjament, jizgumbraw u jhallu liberi u vojta favur il-Bank rikorrent il-garaxxijiet imsemmija flimkien mad-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2016**